MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

[Nhar il-Tlieta 28 ta' Awwissu 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

65.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Joseph Galea cempel qabel il-laqgha biex jghid illi kellu jerga jidhol l-isptar.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saru 3 bollards mal-kantuniera biex ikun hemm turning angle aħjar għal min hu ħiereġ minn triq Cuschieri [ref punt 64.3.3]

65.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-impjegat li kien ħa ħsieb l-applikazzjoni qal illi m'hemmx għalfejn issir appell u forsi nuzaw fondi minn x'imkien ieħor.

65.2.4 B'referenza għal punt nru. 64.6.9, is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ il-pjanti li kienu ġew diskussi fil-bidu tas-sena. Wara diskussjoni ġie deċiż illi ssir il-proġett bl-underground parking jekk it-tests juru li dan huwa possibli.

## 65.3 Korrespondenza mas-Sindku

65.3.1 Inqara ittra mingħand residenti li għamlu talba biex insemmu triq viċin il-knisja wara Kan. Dun Ġuzepp Theuma. Wara diskussjoni ġie deċiż illi għandna naraw dwar il-possibilita li l-isem tingħata għal triq Ġianni Benċini [il-parti tal-Gżira]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna l-ewwel naraw mall-istreet naming committee biex nibdew il-proċedura.

65.3.2 Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kumitat tal-Festa biex nixtru erbgħa arbli tal-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn għandom ikunu propjeta tal-Kunsill Lokali i juzawhom il-Kumitat.

65.3.3 Il-Kunsill irċieva talba biex isiru bollards ġewwa Sliema Road peress illi qed isiru ħafna inċidenti meta wieħed jipprova jagħmel overtaking biex jidħol ġewwa triq Nazju Ellul. Il-Kunsill qabel illi jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibgħat site plan lil TM.

65.3.4 Textile Malta: Ġie diskuss il-proposta tal-kumpanija Textile Malta biex jibdew jiġbru ħwejjeġ użati mingħand id-djar tan-nies. Il-kuntrattur offra li jagħmlu door to door collection darba fix-xahar waqt illi lest jħallu 4 Bring in Bins u jagħtu donazzjoni ta' €20/xahar għal kull bin fix-xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandnix nieħdu donazzjonijiet. Qal ukoll illi hemm punt fl-agreement fejn il-kuntrattur jgħid illi l-Kunsill ma jistax jagħmel negozzju ma' kumpaniji oħra li jipprovdu l-istess servizz, waqt illi diġa għandna bin minn kumpanija oħra fil-lokalita.
Is-Sindku qal illi ma jarax għalfejn hemm bzonn kuntratt u li ma jħossux komdu li jkun hemm ftehim biex nies li ma nafux imorru għand in-nies. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi saru jafu li hemm kumpaniji li qegħdin jibagħtu l-ħwejjeġ barra minn Malta għal bejgħ u mhux għal-karita. Wara diskussjoni ġie deċiż illi l-ebda kuntratt ma tiġi ffirmata.

65.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand persuna mill-Ukraine li tixtieq tuza s-sala ta' Savoy Gardens biex tagħti lezzjonijiet tal-arti lit-tfal. Qalet illi hemm kommunita pjutost kbira mill-pajjiż

u tixtieq toffri lezzjonijiet lilhom peress illi ma tantx tifhem bl-Ingliz. Is-Sindku qal illi jekk hi diġa taf min huma l-istudenti għanda ġġib ittra mingħand il-ġenituri li jgħidu li jaqblu, kif ukoll illi hi għanda turi li hi għalliema.

65.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-residenti ta' triq Edgar Bernard bagħtu petizzjoni biex juru li huma kontra l-herringbone parking mall-ħajt tal-universita. Is-Sindku qal illi avolja kien se jkun hemm izjed postijiet ta' parkeġġ. Iridu nifhmu l-preokuppazzjonijiet tan-nies u li l-maġġoranza tar-residenti qablu mall-petizzjoni.

65.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minn nhar l-Erbgħa 31 t' Ottubru, Se tibda tinġabar il-borza l-bajda [ikel organiku]. WasteServ bagħtu timetable tal-collections matul il-ġimgħa izda qegħdin nistennew kjarifikazzjonijiet.

## 65.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

64.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 65.5 Rapporti

64.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxxa ammont ta'garanzija fuq il-bankina:

Il-kunsilliera qablu li jiġu rilaxxati l-garanziji kollha.

65.5.2 **Tender Str. Cleaning:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda appell u l-kuntratt se tingħata lil SRF Veladrians. Il-Kunsill qabel.

65.5.3 **Tender Accountant**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasalna lejn tmiem il-kuntratt u li fil-ġranet illi ġejjin se jkun hemm sejħa fuq l-Epps.

65.5.4 **Tender Waste Collection**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi lesta t-tender document għal Waste Collection izda jista jkun li ċerti dettalji għandom jinbidlu issa li ħa jkun hemm collection times differenti. Qal ukoll illi żied illi tinġabar il-borza s-sewda nhar ta' Ħadd għax-xhur tas-sajf. Il-kunsilliera qablu.

65.5.5 **Bye-law kostruzzjoni**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kopja tal-bye-laws proposti kienu disponibbli għall-pubbliku għal erbgħa ġimgħat. Bi proposta tas-Sindku, u ssekondat mill-Viċi Sindku, il-bye-laws ġew approvati.

65.5.6 **Bye-laws**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn illi membru tal-Kunsill jibgħat il-proposti u ieħor jissekondaħ biex nibdew il-proċedura rigward il-bye-laws biex amministraturi ta' appartamenti jinstallaw CCTV fil-komun.

## 65.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

65.6.1 Kmamar Housing Estate: Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa dwar update rigward il-kmamar tal-Housing Estate. Ma rċevejna l-ebda risposta.

65.6.2 Il-Viċi Sindku staqsa meta se jsiru it-tindif tal-culverts. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur se jkollu l-għajnuna ta' ħaddiem ieħor u li x-xogħol se ssir fil-ġranet illi ġejjin. Peress illi l-ħaddiem l-ieħor għandu jieħu ħsieb proġett fl-iskola primarja, mhux lest jgħid sa meta se jispiċċaw ix-xogħol izda se jibdew l-għada tal-laqgħa.

65.6.3 Kameras: Il-Viċi Sindku staqsa għal update rigward il-kameras. Is-Sindku qal illi rajna sistema differenti u hemm interess biex inkunu l-ewwel lokalita b'din is-sistema. Iridu naraw dwar il-possibilita li naħdmu b'din is-sistema li huma aħjar minn sempliċiment kamera.

65.6.4 Is-Sindku spjega li fejn ġejja n-niċċa hemm problema minħabba l-ilma [storm water] u hemm bzonn kanal. Ressaq proposta li ssir living wall fl-area. Il-Kunsill aċċetta.

65.6.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti fakkar fuq iċ-Central Strip ta' Sliema rd. Is-Sindku għandu jirċievi l-go ahead mill-Go bil-miktub ħalli l-kuntrattur jieħu ħsieb ix-xogħol.

64.6.6 Ġie diskuss il-possibilita li nagħmlu parking area fil-ġibjun fejn l-iskola ta' Maria Teresa Spinelli.

## 65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

65.7.1 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa dwar il-pagament tas-sur Borg. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dak huwa l-ammont skond is-sigħat li ħadem overtime għall-applikazzjoni tal-fondi kif ġie diskuss f'laqgħa preċedenti.

65.7.2 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 65.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għat- 25 ta' Settembru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |